

Brussell, 19 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8194/25

CO EUR-PREP 16

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (26 u 27 ta' Ġunju 2025) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ sostnut tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

II. LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani.

III. DIFIŻA U SIGURTÀ TAL-EWROPA

Wara l-appell tiegħu biex titħaffef il-ħidma fuq il-fergħat kollha biex jissaħħaħ b'mod deċiżiv l-istat ta' tħejjija tad-difiża tal-Ewropa fil-ħames snin li ġejjin, il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tad-difiża u s-sigurtà. Huwa ser jieħu kont tal-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u jipprovdi gwida kif meħtieġ.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew mistenni b'mod partikolari li jsemmi ħidma biex jiġi mobilizzat finanzjament, jiġu indirizzati l-lakuni fil-mezzi kritiċi u tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea madwar l-Unjoni.

IV. L-UE FID-DINJA

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti t-tħejjijiet għas-summits li ġejjin ma' pajjiżi terzi u r-relazzjonijiet mas-sħab, fid-dawl tal-kuntest politiku u ekonomiku globali attwali.

V. KOMPETITTIVITÀ

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu skambju ta' fehmiet dwar l-iżviluppi ekonomiċi.

B'segwitu għall-konklużjonijiet preċedenti, il-Kunsill Ewropew ser jieħu kont tal-progress fl-azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kompetittività u s-Suq Uniku.

Il-Kunsill Ewropew ser jiġi mistieden jiddiskuti r-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi abbażi ta' nota orizzontali, kif diskuss mill-Kunsill, u b'hekk jippermetti l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew 2025.

VI. MIGRAZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni.
